**Kunsill Lokali Ta Xbiex**
High Rise Apartments, Triq l-Imradd, Ta Xbiex XBX 1150
Tel: 00356 21338844 email:taxbiex.lc@gov.mt website: www.taxbiex.gov.mt

---

**KUNSILL LOKALI TA' XBIEX**

**ID-DISA LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 3 – L-ERBGĦA, 28 TA' AWWISSU 2024 FIL-5.00 PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Max Zammit | Sindku |
| Sarah Borg | Viċi Sindku |
| Louisa Cachia Castelletti | Kunsillier |
| Eugenio Muscat | Kunsillier |
| Ronald Portelli | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 2**

1.1 Kien hemm tliet korrezzjonijiet.

1.2 Minuta 4.5 għandha tinbidel għal "Kien hemm diskussjoni dwar l-għotja ta' Gieh Ta' Xbiex din is-sena".

1.3 Fil-minuta 4.5 għandha tidħol ukoll, "waqt li hu kien residenti Ta' Xbiex, kien qed jilgħab ma' Messina Calcio, tim li jilgħab fis-Serie C Taljan. Barra Andrea Zammit, lagħbu biss fl-istorja tal-futbol Malti, mhux aktar minn 4 Maltin".

1.2 Is-Sur Ronald Portelli ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Eugenio Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

1.3 Korrezzjoni f'minuta 4.6 "rwol ta' supervisor tax-xogħlijiet".

1.4 Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Sarah Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 2

2.1 F'punt 4.2 kien hemm qbil li jinxtraw 700 romblu boroż suwed u 700 romblu recycling biex jitqassmu lir-residenti. Għandha titqassam leaflet fil-lokal.

2.2 F'punt 5.1, il-Perit kejjel l-ispazju u kkonferma li mhux possibbli li jsir parkeġġ fuq il-bankina.

## 3 Pagamenti

3.1 Is-Sinjura Louise Cachia Castelletti ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Eugenio Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jiġi approvat il-petty cash.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku ikkumenta li kien hemm titjib konsiderevoli fis-servizz tal-knis.

4.2 Għandha ssir talba lil LESA biex tintalab extension għall-fondi approvati għall-bollards ippjanati għal Triq ix-Xatt.

4.3 Għandha ssir laqgħa mal-Perit u mal-Avukat dwar il-proġett tal-Belvedere.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li jiġu ordnati żewġ skips għal Clean Up li ser issir mill-baħar fi Triq ix-Xatt minn NGO.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sinjura Sarah Borg talbet għal aktar sigurtà fiż-żona ta' Toroq Antoino Nani / Ġużeppi Calì. Kien hemm qbil li jiġi investigat il-possibbiltà li jitwaħħlu aktar dawl f'din iż-żona.

6.2 Kien hemm qbil li ssir refreshing taz-zebra crossing ta' quddiem l-Amigos.

6.3 Kien hemm qbil li Jum Ta' Xbiex u l-avveniment Connecting Through Culture jsiru fit-13 / l-14 ta' Settembru 2024.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Kien hemm qbil din il-laqgha titkompla fit-3 ta' Settembru 2024 biex jiġu diskussi fid-dettal l-attivitajiet ta' Jum Ta' Xbiex u Connecting Through Culture.

**Max Zammit**
**Sindku**

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segetarju Eżekuttiv**